# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 19 ta' Lulju, 2018**

**Rik. Nru. 1034/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1034/18 fl-ismijiet:

**AIR MALTA p.l.c. (C – 2685)**

vs

**ASSOCIATION OF AIRLINE OPERATIONS CONTROLLERS (MALTA)(AAOC)** u Ronald Butler, Andrew Spiteri, Emmanuel Scicluna, Noel Grech, Brian Psaila, James Mizzi, Donald Ċilia, Ruben Abela, Joffrey Mallia u Julia Lynne Borġ Giuliano, f'isimhom proprju

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, il-kumpannija rikorrenti Air Malta p.l.c. talbet li din il-Qorti jogħġobha toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli "(i) jibdew u/jew ikomplu u/jew jordnaw u/jew jippromwovu u/jew isejħu u/jew jinċitaw u/jew jinstigaw u/jew bi kwalunkwe mod ieħor jorganiżżaw jew jipparteċipaw b'direttivi, diretti jew indiretti, f'azzjoni/jiet industrijali bil-parteċipazzjoni tagħhom stess u/jew tal-membri tagħhom fil-forma ta' azzjoni

industrijali li tinvolvi u/jew tista' tinvolvi kwalsiasi interruzzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema mpjegati mas-soċjeta' esponenti u/jew biex jitwaqqaf jew jitnaqqas jew jiġi b'xi mod ostakolat l-operat tas-soċjeta' esponenti; (ii) jieħdu xi azzjoni li tippreġudika, ittellef jew b'xi mod ieħor ixxekkel l-operat regolari tas-soċjeta' esponenti u/jew li jirriżulta, jew li jista' jirriżulta fi preġudizzju ekonomiku għas-soċjeta' esponenti; (iii) jidderieġu lil xi impjegati tas-soċjeta' esponenti sabiex jieħdu xi azzjoni industrijali jew forma ta' azzjoni oħra li tippreġudika, ttellef jew b'xi mod ieħor ixxekkel l-operat regolari tas-soċjeta' esponenti; u/jew (iv) jieħdu kwalunkwe azzjoni li tirriżulta, jew li tista' tirriżulta, fi preġudizzju, telf jew xi forma oħra ta' tfixkil tal-operat regolari tas-soċjeta' esponenti u dan kemm skond il-komunikazzjoni mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 2018, kif ukoll sakemm il-proċeduri mandatorji skond il-ftehim kollettiv applikabbli ma jkunux segwiti, implimentati u eżawriti";

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2018[1], li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati kollha fl-4 ta' Lulju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talbiet tal-kumpannija attriċi billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub. B'mod partikolari, huma jwarrbu l-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti dwar l-applikabilita` tal-ftehim kollettiv fil-konfront tagħhom, kif ukoll dwar liema huwa l-jedd mad-daqqa t'għajn li l-istess kumpannija tistrieħ fuqu biex qiegħda titlob il-ħruġ tal-Mandat. Huma jgħidu li t-talba tal-kumpannija rikorrenti hija maħsuba biss li ġġib fix-xejn il-jedd tagħhom ta' assoċjazzjoni u lill-Union intimata milli twettaq id-drittijiet sindakali tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u d-dokumenti mressqa waqt is-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "AMC") trid iżżomm lill-intimati milli b'xi mod iniedu jew jieħdu sehem f'azzjoni

[1] Paġ. 5 tal-atti

industrijali kontra tagħha, u dan wara li l-union intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "AAOC") tat avviż ta' tilwima industrijali;

Tqis li l-intimati *proprio* huma lkoll impjegati ta' AMC bħala "*operations controllers*" u membri fi ħdan AAOC;

Tqis li AAOC hija union reġistrata skond il-liġi sa minn Ottubru tal-2015[2] u ilha titlob lil AMC tagħtiha għarfien fir-rigward tal-kategorija ta' '*operations controllers*' u għaddejjin proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali dwar din it-tilwima;

Tqis li b'rapport tas-27 ta' Ġunju, 2017[3], id-Direttriċi tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Indusrijali u tal-Impieg sabet li AAOC imissha tingħata għarfien skond il-liġi bħala "*separate collective bargaining unit*" fir-rigward tal-kategorija ta' ħaddiema li jissejħu '*operations controllers*';

Tqis li fid-9 ta' Jannar, 2018[4], AMC iffirmat ftehim kollettiv mal-General Workers' Union dwar il-kundizzjonijiet tal-impieg ta' bosta kategoriji ta' ħaddiema tal-istess AMC għaż-żmien bejn l-1 ta' Jannar ta' din is-sena u l-31 ta' Diċembru tal-2022;

Tqis li l-imsemmi ftehim kollettiv jaħseb ukoll għall-proċedura li l-partijiet iridu jsegwu f'każ ta' tilwim industrijali jew tilwim ta' xogħol ('*trade dispute*')[5];

Tqis li l-imsemmi ftehim kollettiv jagħmilha ċara li l-Union magħrufa ma kinitx qiegħda tinnegozja l-kundizzjonijiet ta' mpieg dwar il-kategorija (grad) tal-'*operations controllers*' sewwasew fid-dawl tal-fatt li għadha għaddejja l-kwestjoni tal-għarfien mitluba minn AAOC u mistħarrġa quddiem it-Tribunal Industrijali[6];

Tqis li AAOC tikkontendi li l-membri tagħha jmisshom jingħataw żieda fil-paga ta' ħamsa fil-mija (5%) ta' dak li jaqbdu bħalissa;

Tqis li b'avviż datat il-25 ta' Ġunju, 2018[7], AAOC irreġistrat tilwima industrijali ma' AMC b'avviż ta' teħid ta' azzjonijiet industrijali fi żmien tmienja u erbgħin (48) siegħa minn dakinhar;

---

[2] Dok "AA", f'paġ. 26 tal-atti
[3] Dok "ĊĊ", f'paġġ. 30 – 1 tal-atti
[4] Dok "AMC", f'paġġ. 38 sa 96 tal-atti
[5] Klawsola 22 tal-Ftehim, ara Dok "D", f'paġġ. 14 – 5 tal-atti
[6] Dok "B", f'paġ. 12 tal-atti
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 13 tal-atti

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat[8];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[9]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[10];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[11]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li fejn jidħol l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan, huwa stabbilit li dan jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor;

Tqis ukoll li l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-

[8] Art. 873(1) tal-Kap 12
[9] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[10] Art. 875(3) tal-Kap 12
[11] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Mandat[12]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[13], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[14];

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-jedd mad-daqqa t'għajn li AMC tistrieħ fuqu biex ressqet it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub, jidher li dan jikkonsisti f'dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv fil-klawsola li titkellem dwar il-proċedura li l-partijiet firmatarji qablu li jintrabtu biha meta tqum xi kwestjoni jew tilwima ta' xogħol;

Tqis li, kif sewwa issotometta l-għaref difensur ta' AMC, fil-liġi tagħna ftehim kollettiv għandu s-saħħa ta' liġi[15] u jorbot lill-partijiet li jkunu daħlu għalih bħalma jorbtu l-kuntratti magħmula sewwa taħt il-liġi[16]. Hekk ukoll, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' mpieg, ftehim kollettiv jorbot lill-ħaddiema kollha milquta bl-istess ftehim u jikkostitwixxi l-kundizzjonijiet magħrufa tal-impieg tagħhom[17], imqar jekk dawk il-ħaddiema ma jkunux membri fit-*trade union* magħrufa mill-prinċipal u li tkun innegozjat tali ftehim jew ikunu saħansitra membri f'*union* oħra;

Tqis, madankollu, li huwa magħruf li mhux il-kundizzjonijiet kollha li jintgħamlu fi ftehim kollettiv jitqiesu bħala kundizzjonijiet tal-impieg jew jorbtu lil min mhux firmatarju. Hija prattika ġenerali li ftehim kollettiv ikollu fih klawsoli li jkunu 'normativi' jew 'sostantivi' u li jistabilixxu l-kundizzjonijiet tal-impieg jew regoli oħrajn dixxiplinari jew regolatorji li jirrigwardaw lill-impjegati li fl-interess tagħhom ikun intlaħaq tali ftehim; imma hemm ukoll klawsoli 'proċedurali' li jirregolaw il-jeddijiet u l-obbligi reċiproċi bejn il-prinċipal u l-*union* magħrufa li tkun daħlet għal dak il-ftehim[18];

Tqis li l-klawsola tal-ftehim kollettiv li dwarha AMC issejjes il-jedd tagħha '*prima facie*' biex titlob il-ħruġ tal-Mandat – il-klawsola 22 – u li tixli lill-intimati bi ksur tagħha hija waħda mill-klawsoli 'proċedurali' li ma jikkostitwux kundizzjoni tal-impieg u japplikaw għar-relazzjoni bejn l-istess AMC u l-

[12] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[13] P.A. JZM **30.1.2017** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et***.
[14] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***
[15] App. Ċiv. **1.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Shipyards Ltd vs General Workers' Union***
[16] Art. 992 tal-Kap 16
[17] Art. 5(1) tal-Kap 452
[18] Ara, b'eżempju, NM Selwyn Selwyn's Law of Employment (16th Edit), §§ 3.26 – 3.29

General Workers' Union bħala l-*union* li tgawdi l-għarfien fil-kategoriji ta' ħaddiema ta' AMC li jinsabu regolati fl-imsemmi ftehim kollettiv;

Tqis li AAOC mhijiex il-*union* li nnegozjat l-imsemmi ftehim kollettiv, iżda, għall-kuntrarju, għandha tilwima industrijali ma' AMC biex tikseb l-għarfien għall-kategorija ta' '*operations controllers*'. Il-Qorti hija tal-fehma li ma joħroġ l-ebda jedd mad-daqqa t'għajn favur AMC taħt l-imsemmija klawsola li torbot lil AAOC;

Tqis ukoll li bilkemm jista' jingħad li l-ftehim kollettiv jorbot lill-intimati *proprio*. Dan jingħad fid-dawl tar-riżerva li saret fl-istess ftehim kollettiv (Appendiċi II) li tgħid ċar u tond li, ladarba għad hemm il-kwestjoni tal-għarfien dwar dawk il-ħaddiema, "*for the time being the Union will refrain from negotiations on the Operations Controllers grade salary scales*"[19]. Minħabba f'hekk, meta ngħatat żieda ta' ħamsa fil-mija (5%) lill-bosta kategoriji tal-ħaddiema fl-AMC wara li sar il-ftehim kollettiv, il-kategorija ta' '*operations controllers*' ma ngħatatilhomx ukoll u waħda mir-raġunijiet li nġabet u li dwarha ressqu lment ma' AMC kien sewwasew il-fatt li hemm pendenti l-kwestjoni tal-għarfien[20]. Fil-fehma tal-Qorti, dik ir-riżerva magħmula fil-ftehim kollettiv tfisser li dak il-ftehim ma jorbotx lill-intimati *proprio* bħala ħaddiema ta' AMC fil-patti 'normativi' jew 'sostantivi' tiegħu, aktar u aktar f'dawk li huma l-klawsoli 'proċedurali' li jirregolaw x'għandu jsir meta tinqala' tilwima industrijali;

Tqis ukoll li, min-naħa l-oħra, kull *trade union* (u l-membri li jagħżlu li joqogħdu għal xi direttivi li tħoss li għandha tagħtihom, l-aktar jekk ikun hemm tilwima industrijali[21]) bħalma hija AAOC ma għandhiex bla raġuni serja u gravi titneżża' mill-jeddijiet tagħha biex twettaq il-funzjonijiet tagħha li tħares il-jeddijiet tal-istess membri tagħha u fl-aqwa interess tagħhom. Huwa magħruf li tali jeddijiet jintrabtu ma' prinċipji fundamentali u huma meħtieġa għall-ħarsien tal-jeddijiet tal-ħaddiema f'ordinament li jżomm b'valur id-demokrazija industrijali[22];

Tqis li AMC ma semmiet l-ebda jedd ieħor li fuqu hija ssejjes it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis għalhekk li AMC ma seħħilhiex turi li jirriżulta dan l-element ewlieni li jagħti raġuni biex tista' tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

---

[19] App. II, paġ 51 tal-ftehim kollettiv, f'paġ. 88 tal-atti
[20] Dok "DD", f'paġġ. 32 – 3 tal-atti
[21] Ara art. 63(1) u 64(1) u (4) tal-Kap 452
[22] Ara, b'eżempju, P.A. LSO **27.1.2014** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Malta Union of Bank Employees vs Bank of Valletta p.l.c.***

Tqis li, ladarba l-elementi mistennija mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulativi, il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun għaqli tgħaddi biex tistħarreġ ukoll l-elementi l-oħrajn tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat u tal-proporzjonalita' tal-ħsara li jġarrbu l-partijiet f'każ li t-talba kellha tintlaqa'. Tgħid biss li jidher li l-element tal-proporzjonalita` huwa rilevanti fil-qafas ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha[23]. F'dan il-każ, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret fil-konfront ta' *union* u ta' persuni privati li ma jaqgħux taħt l-ebda waħda mill-kategoriji li għadhom kemm issemmew

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba tal-kumpannija rikorrenti b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti tħallas l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, id-19 ta' Lulju, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

---
[23] Ara art. 873(3) tal-Kap 12